

# Santa Tereża

## Statwa u Kwadru Titulari

**Riflessjoni ta' Mario Attard**



L-intenzjoni primarja li l-Ordni Tereżjana tiġi Malta, fejn stabbiliet ruħha ġewwa Bormla, kienet sabiex isservi ta' pont għall-missjonijiet insara fil-lvant. Kien fi żmien t-tmexxija tal-Gran Mastru Antione de Paule, meta d-djoċesi Maltija kienet afdata f'idejn l-Isqof Cagliares.

Dan l-Isqof witta t-triq għall-wasla tal-patrijiet Tereżjani f'Malta billi xtara minn flusu wesgħa ta' art u magħha xi djar ħalli minflok jagħmlu wisa' għall-bini tal-knisja u tal-kunvent. L-istess Isqof Cagliares qaddes b'solennità l-ewwel quddiesa.

L-istatwa titulari preżenti ta' Santa Tereża ta' Ġesù ħadet post dik ta' qabilha li kienet inqerdet fil-gwerra u li kienet inħadmet minn Ġeloramu Darmanin (1834 – 1879), mill-Isla. L-iskultur Bormliż Ġużeppi Caruana, magħruf bħala ta' Marċjol, ħadem l-istatwa li naraw illum fl-1954.

Bidla oħra li saret ġewwa l-knisja ta' Santa Tereża f'Bormla hija marbuta mal-kwadru titulari. Il-kwadru l-antik, li ħafna bħali jiftakruh sewwa, jirrappreżenta l-estasi ta' Santa Tereża. Kien nhar il-festa tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija li Santa Tereża għaddiet minn dik l-esperjenza waqt it-talb profond tagħha, eżattament fil-knisja Dumnikana ta' San Tumas. L-esperjenzi tal-eastasi bdiet iġġarrabha fl-aħħar tas-snin tletin tagħha.

F'estasi minnhom hija rat anġlu bi vleġġa tad-deheb ġej fuqha (espejrenza riflessa minn Caruana fl-istatwa titulari permezz ta' anġlu bi vleġġa f'idu). Din il-vleġġa nifditilha qalbha fejn l-uġigħ insapportabbli nbidel f'hena li l-ebda ħaġa ma tiflaħ tfissirha. Mistikament, dan il-fatt jissejjaħ it-Trasverbazzjoni* ta' Santa Tereża. Il-Kavallier tal-Ordni, ta' San Ġwann, il-Franċiż Fra Lucas Garnier, intepreta artistikament lill-qaddisa f'dik l-esperjenza fi kwadru fejn tiddomina x-xbieha tal-Madonna tqiegħed ħannieqa mdiehba u b'ħaġar prezzjuż madwar għonq Sta. Tereża, filwaqt li San Ġużepp jixhed dana kollu filwaqt li jqiegħed mantell ta' bjuda liema bħalu, xhieda tas-safa u tal-qdusija.



*Il-Kwadru Titulari ta' Santa Tereża li kien inawgurat nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2018*

Sentejn ilu, il-kwadru titulari nbidel ma' ieħor riċenti. Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru 2018, kien inawgurat kwadru titulari ġdid għall-knisja ta' Santa Tereża, ġewwa Bormla. Huwa xogħol tal-Għawdxi Manuel Farrugia, li fl-età żagħżugħa ta' 29 sena, pitter kapolavur li ma jagħmilx għajb lil ta' qablu – interpretazzjoni riċenti tal-stess estasi tal-Qaddisa Duttura tal-Knisja.

Din l-istatwa li tidher fir-ritratt hija xogħol ta' Ġużeppi Caruana (Ta' Marċjol) u saret fis-sena 1952. Din l-istatwa tinsab fil-Knisja tat-Tereżjani ta' Bormla fejn il-festa liturġika tkun iċċelebrata kull sena fil-15 ta' Ottubru. Hawn tajjeb li wieħed jirrimarka li l-Knisja tat-Tereżjani f'Bormla hija l-ewwel waħda fid-dinja li ġiet dedikata lil din il-qaddisa minn Avila.



*Santa Tereża saret Duttur tal-Knisja 50 sena ilu*

*Trasverbazzjoni tfisser tinfid tal-qalb bħala indikazzjoni ta' għaqda intima għall-aħħar fl-imħabba ma' Alla, xi ħaġa li l-Qaddisa Tereżjana tibqa' magħrufa għaliha fi ħdan il-mistiċiżmu Kristjan.

## Alla waħdu biżżejjed